



Brussell, 30 ta' April 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0397(COD)

9405/24
ADD 2

CODEC 1204
ELARG 58
COWEB 64
FIN 405
CADREFIN 90
ECOFIN 530
BUDGET 34
RESPR 14

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija

Il-Bulgarija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea kif minquxa fit-Trattati, u l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali.

F'konformità ma' dan t'hawn fuq u mal-leġiżlazzjoni domestika tagħha, il-Bulgarija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" (raġel/mara) u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-għoti ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett tal-ġeneru bħala l-ġhoti ta' opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-ġhoti ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Litwanja

Ir-Repubblika tal-Litwanja tappoġġa l-integrazzjoni Ewropea tal-Balkani tal-Punent. Il-proċess tat-tkabbir kwalitattiv u bbażat fuq il-mertu jiggwida lill-aspiranti permezz tat-tħejjija għal sħubija sħiħa.

Fid-diskussjonijiet dwar ir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, ir-Repubblika tal-Litwanja appoġġat b'mod konsistenti l-iżgurar ta' rwol attiv tal-Kunsill fil-governanza tal-Faċilità. B'kont meħud li t-test ta' kompromess tar-Regolament joffri rwol pjuttost limitat għall-Kunsill, ir-Repubblika tal-Litwanja tastjeni milli tivvota dwar it-test propost.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar trasparenza baġitarja sħiħa fir-rigward ta' kwistjonijiet baġitarji fil-qafas tal-Faċilità tal-Balkani tal-Punent

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom bħala awtoritajiet baġitarji b'mod infurmat tajjeb, il-Kummissjoni ser tqiegħed għad-disponibbiltà tal-awtorità baġitarja informazzjoni dwar l-impenji u l-pagamenti baġitarji kemm li saru kif ukoll ippjanati taħt il-Faċilità tal-Balkani tal-Punent għal kull benefiċjarju fuq bażi ta' kull xahrejn.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' dikjarazzjoni
konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-nomenklatura baġitarja għall-Faċilità
tal-Balkani tal-Punent**

Il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nomenklatura baġitarja għall-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabir għall-Balkani tal-Punent li tista' potenzjalment taffettwa l-implimentazzjoni tal-Faċilità. Fi kwalunkwe każ, dan jinterferixxi bla bżonn mal-iżvolġiment kif suppost tal-proċedura baġitarja. Il-Kummissjoni tqis li dan ma għandux jikkostitwixxi preċedent.
